# Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini: ġojjell ta' wirt naturali u kultura fil-Gżira Għawdxija

George Azzopardi

Wieħed mill-postijiet f'Għawdex ferm għani f'dak li taf toffri n-natura, huwa bla dubju ta' xejn il-wied pittoresk ta' Mġarr ix-Xini. Huwa wied li jieħu ismu mill-bajja xejn inqas pittoreska fejn huwa jiżbokka. Bħala attrazzjoni kbira fih innifsu, dan il-wied jiġbed l-ammirazzjoni ta' bosta li ma jibqgħux lura milli saħansitra jinżlu jimxu fih – minkejja li mhux daqstant faċli – biex jitpaxxew bil-ġmiel kważi uniku li jaf joffri dan il-wied. Oħrajn anke jilmħu fih sors ta' studju xjentifiku dwar il-pjanti li jikbru fih, id-diversi ħlejjaq li jgħixu fih, il-formazzjoni tal-blat, fdalijiet marbutin ma' attivitajiet tal-bniedem tal-qedem, eċċ. Huwa, għalhekk, wied rikk minn diversi aspetti li jirrenduh post ta' importanza kbira u, konsegwentement, ta' min jagħtih l-attenzjoni li tixraqlu. Kien propju għal dan il-għan, li l-Kunsilli Lokali tax-Xewkija u ta' Sannat ħadu flimkien inizjattiva nnovattiva favur dan il-wied. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa għal inizjattiva ta' din ix-xorta.



**Il-Park Reġjonali**

L-inizjattiva tikkonsisti fit-twaqqif ta' park reġjonali li propju jġib l-isem ta' "Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini". Din l-inizjattiva ġiet varata uffiċċjalment waqt konferenza stampa li kienet saret fil-Lukanda *Corinthia Palace*, Ħ'Attard, nhar il-25 ta' Awissu 2004. Waqt din il-konferenza stampa, li għaliha kienu mistiedna kemm ġurnalisti kif ukoll rappreżentanti minn bosta għaqdiet mhux governattivi, mhux biss ġiet imħabbra din l-inizjattiva, iżda ġew imfissra wkoll l-għanijiet tagħha. Biex ikunu jistgħu jintlaħqu dawn l-għanijiet, twaqqaf apposta Kumitat ta' Azzjoni.

Il-proġett maħsub għal dan il-park reġjonali huwa mmirat biex jippreserva l-Wied ta' Mġarr ix-Xini minn kull forma ta' degredazzjoni billi, fost affarijiet oħra, jinkoraġġixxi riċerka xjentifika dwar id-diversi aspetti tiegħu biex b'hekk jinħoloq iktar għarfien dwaru u jistimola l-apprezzament tiegħu fost is-soċjetà. Minbarra li jippreserva l-wied, il-proġett huwa maħsub ukoll biex jirrijabilita l-wied billi jagħmlu aċċessibbli u jroddlu lura (sa fejn hu possibbli) dik l-attività rurali tradizzjonalment assoċjata ma' ambjenti bħalma huwa dak tal-wied. F'dan l-isfond, il-proġett huwa maħsub li jkun wieħed inklussiv sabiex, bil-parteċipazzjoni ta' dawk kolla nvoluti, jkunu jistgħu jintlaħqu dawn il-għanijiet.

**Ħidmiet attwali**

Il-proġett qiegħed jiġi mplimentat f'fażijiet. Fost ix-xogħol li ġew konklużi s'issa, ta' min isemmi skavi arkeoloġiċi li saru f'Għar ix-Xiħ li jifforma parti mill-park reġjonali tal-wied. B'riżultat ta' dawn l-iskavi, llum nafu li dan il-post kien jintuża għal skopijiet ritwali matul il-perjodu Feniċju, dak Puniku, u anke dak Ruman. Diġà' qegħdin isiru tħejjijiet biex dawn l-iskavi jiġu ppubblikati. L-iskavi tmexxew mid-Dipartiment tal-Arkeoloġija u Studji Klassiċi fi ħdan l-Università ta' Malta flimkien mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali bil-parteċipazzjoni kemm ta' studenti universitarji tal-arkeoloġija, impjegati tas-Sovrintendenza, u anke xi voluntieri.

Minbarra l-iskavi arkeoloġiċi msemmija, qiegħed isir ukoll *survey* arkeoloġiku fil-wied innifsu. Bħala parti minn dan is-*survey*, diġà' ġew dokumentati diversi elementi arkeoloġiċi li hemm fil-wied, ewlenin fosthom is-settijiet ta' ħwat li jinsabu f'diversi partijiet tal-wied. Dan is-*survey* qiegħed jitmexxa mis-Sovrintendenza tal-

Patrimonju Kulturali bis-sehem ta' studenti universitarji tal-arkeoloġija, impjegati ta' l-istess Sovrintendenza, u voluntieri. Ix-xogħol fuq dan is-*survey* qiegħed ukoll joqrob lejn il-konklużjoni tiegħu. Bħala parti mill-istess *survey*, saru wkoll skavi arkeoloġiċi fuq skala żgħira fil-parti tal-wied magħrufa bħala 'Tal-Knisja' u f'dik magħrufa bħala 'Tal-Loġġa'.



**Xogħlijiet ippjanati**
Minbarra dan kollu, hemm xogħolijiet oħra li, għalkemm għadhom ma bdewx, jinsabu fil-fażi preparatorja tagħhom. Ta' min isemmi hawnhekk, il-bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ bil-kollaborazzjoni u bl-involviment tal-bdiewa nfushom u l-ftuħ mill-ġdid ta' passaġġi eżistenti li maż-żmien ma baqgħux aċċessibbli minħabba ammont kbir ta' veġetazzjoni li kiber fihom jew minħabba fatturi oħrajn. Il-ftuħ mill-ġdid ta' dawn il-passaġġi għandu jwassal lejn l-implimentazzjoni ta' *self-guided country walks* għal dawk kollha – kemm nies lokali u anke turisti – li jkunu jixtiequ jammiraw mill-qrib l-attrazzjonijiet naturali u kulturali li bihom hu mżejjen dan il-wied u jiksbu iktar għarfien dwarhom.

Hemm ippjanat ukoll ir-restawr u r-rijabilitazzjoni tal-bini tal-pompa tal-ilma li hemm fl-istess wied bil-kollaborazzjoni u bl-involviment tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha taqa' l-istruttura ta' din il-pompa. Din il-pompa ta' tmiem is-seklu 19 jew il-bidu tas-seklu 20, kienet taħdem bil-faħam u kienet ittella' l-ilma minn spejjer li hemm fl-istess wied u tippumpjah lejn il-ġibjun ta' Ċenċ. Meta ma baqgħetx tintuża, l-istruttura tagħha spiċċat mhux biss abbandunata iżda ġiet ukoll fil-mira tal-vandaliżmu u, għalhekk, il-ħtiega tar-restawr u r-rijabilitazzjoni tagħha jinħassu urġenti. Meta x-xogħol fuqha jkun lest, din għandha sservi ta' attrazzjoni bħala monument ta' l-era ndustrijali f'Malta u Għawdex.

Fl-aħħarnett, park reġjonali bħalma huwa dan tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini, ma jistax ikun komplut jekk ma jkunx mgħammar b'Ċentru tal-Viżitaturi li jkun jinkorpora fih kemm mużew tal-park innifsu kif ukoll faċilitajiet ta' interpretazzjoni u tagħrif dwar l-istess park għal dawk kollha li jżuruh. Biex tospita dan iċ-Ċentru tal-Viżitaturi, li ser ikun f'lokal adattat fejn jilqa' lill-viżitaturi fil-bidu taż-żjara tagħhom fil-park reġjonali, diġa' ġiet restawrata struttura eżistenti fil-ġnien f''Ta' Blankas' li, meta tkun rijabilitata kompletament, tkun tista' taqdi din il-funzjoni.

**Esperjenzi minn parks simili**
Biex jiżdied l-għarfien dwar dan il-park reġjonali u x-xogħol relatat miegħu u, fl-istess waqt, tinkiseb esperjenza minn proġetti ta' parks simili 'l barra minn xtutna, dan il-proġett tal-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini kien ġie msieħeb fil-programm tal-Unjoni Ewropea *COST Action A27* fuq stedina mill-*Geo-Cultural Park of the Eastern Aegean* tal-Greċja. Żewġ membri mill-Kumitat ta' Azzjoni kienu jattendu regolarment laqgħat tal-*COST Action A27* (li kienu jsiru f'pajjiżi differenti msieħba f'dan il-programm tal-Unjoni Ewropea) fejn kull darba huma kienu jagħmlu preżentazzjonijiet dwar il-progress tal-proġett tal-park reġjonali tagħna u, meta jirritornaw, kienu jirrapurtaw lill-bqija tal-kumitat dwar esperjenzi minn proġetti ta' parks oħra simili li jinsabu fil-pajjiżi li kienu rappreżentati fil-*COST Action A27*. Permezz ta' dan l-iskambju ta' esperjenzi u ideat, ibbenefikaw ħafna l-proġetti msieħba f'dan il-programm tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-proġett tal-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Dan il-programm ġie konkluż.

**Il-mira aħħarija**
Il-Kumitat ta' Azzjoni qiegħed iħares 'l quddiem biex mhux biss jimplimenta l-programm ta' ħidmiet relatati mal-proġett tal-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini iżda, iżjed minn hekk, biex permezz tal-ħolqien ta' dan il-park reġjonali, jagħmel mill-Wied ta' Mġarr ix-Xini vetrina naturali u kulturali li biha jkunu jistgħu jħossuhom kburin mhux biss ix-Xewkija u Ta' Sannat iżda Għawdex kollu.

**Nappellaw**

- Sabiex kulħadd jattendi għall-attivitajjiet esterni li qed jiġu organizzati matul dawn il-jiem tal-festa.